DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/124/KE

tat-18 ta' Diċembru 2008

li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa ta' ċertu speċi ta' magħlef u taż-żejt u tal-fibra għaż-żerriegħa li ġiet uffiċċjalment iċċertifikata bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata"

(Verżjoni kodifikata)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il- Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 fuq il-bejgħ taż-żerriegħa ta' magħlef [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-bejgħ taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 86/109/KEE tas-27 ta' Frar 1986 li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa ta' ċertu speċi ta' magħlef u taż-żejt u tal-fibra għaż-żerriegħa li ġiet uffiċċjalment iċċertifikati bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata" [3] ġiet emendata kemm-il darba [4] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata flimkien mad-Direttiva tal-Kummissjoni 75/502/KEE tal-25 ta' Lulju 1975 li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa ta' smooth-stalk meadowgrass (mellieġ taz-zokk lixx) (*Poa Pratensis* L.) għal żerriegħa li ġiet ċertifikata uffiċjalment "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata" [5], bit-tnejn li huma ikunu miġbura f'test wieħed.

(2) Id-Direttiva 66/401/KEE tippermetti l-bejgħ taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata u taż-żerriegħa kummerċjali ta' ċerti speċi ta' magħlef.

(3) Id-Direttiva 2002/57/KE tippermetti l-bejgħ taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata ta' kull tip u taż-żerriegħa kummerċjali ta' ċertu speċi ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra.

(4) Iż-żewġ Direttivi jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tipprojbixxi l-bejgħ taż-żerriegħa kemm-il darba ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċċjalment bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata".

(5) L-Istati Membri huma f'pożizzjoni li jipproduċu suffiċjentament żerriegħa bażika u żerriegħa ċertifikata biex jissodisfaw id-domanda tal-Komunità għaż-żerriegħa ta' xi whud mill-ispeċi msemmija fuq b'żerriegħa ta' dawk il-kategoriji.

(6) Il-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Diretttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal ta' Tkattir għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l- Masġarija.

(7) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ma jkunx permess li titqiegħed fis-suq iż-żerriegħa ta':

— *Poa pratensis* L.	smooth-stalk meadow-grass (mellieġ taz-zokk lixx)
— *Vicia faba* L. (partim)	field bean (ful/favetta)
— *Papaver somniferum* L.	opium poppy (xaħxieħa vjola/peprin)
— *Agrostis gigantea* Roth	redtop
— *Agrostis stolonifera* L.	creeping bent grass
— *Phleum bertolonii* DC	timothy
— *Poa palustris* L.	swamp meadowgrass (mellieġ)
— *Poa trivialis* L.	rough-stalked meadow-grass (mellieġ)
— *Lupinus albus* L.	white lupin (lupina bajda)
— *Brassica juncea* (L.) Czernj. et Cosson	brown mustard (mustarda kannella)
— *Agrostis capillaris* L.	brown top
— *Lotus corniculatus* L.	birdsfoot trefoil (għantux)
— *Medicago lupulina* L.	black medick (nefel)
— *Trifolium hybridum* L.	alsike clover
— *Alopecurus pratensis* L.	denb il-ġurdien
— *Arrhenatherum elatius* (L.) Beauv. ex J.S. et K.B. Presl	tall oatgrass
— *Bromus catharticus* Vahl	rescue grass (bunixxief/bunexxief)
— *Bromus sitchensis* Trin.	alaska brome-grass (bunixxief/bunexxief)
— *Lupinus luteus* L.	yellow lupin (lupina safra)

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.
[3] ĠU L 93, 8.4.1986, p. 21.
[4] Ara l-Anness I, Parti A.
[5] ĠU L 228, 29.8.1975, p. 26.

— *Lupinus angustifolius* L.	blue lupin (lupina blu)
— *Poa nemoralis* L.	wood meadowgrass (mellieġ)
— *Trisetum flavescens* (L.) P. Beauv.	golden oatgrass
— *Phacelia tanacetifolia* Benth.	california bluebell
— *Sinapis alba* L.	white mustard (mustarda bajda)
— *Agrostis canina* L.	velvet bent
— *Festuca ovina* L.	sheep's fescue (żwien)
— *Trifolium alexandringum* L.	egyptian clover (xnien/xnejn)
— *Trifolium incarnatum* L.	crimson clover (silla kremżija)
— *Trifolium resupinatum* L.	persian clover
— *Vicia sativa* L.	common vetch (ġulbiena komuni)
— *Vicia villosa* Roth.	hairy vetch (ġulbiena)

kemm-il darba din ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċċjalment bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata".

2. L-Istati Membri għandhom jaraw li ma jkunx permess li titqiegħed fis-suq iż-żerriegħa ta':

— *Glycine max* (L.) Merr.	soya bean (sojja)
— *Linum usitatissimum* L.	linseed (kittien)

kemm-il darba din ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċċjalment bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċertifikata, l-ewwel ġenerazzjoni" jew "żerriegħa ċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni".

Artikolu 2

Id-Direttiva 75/502/KEE u id-Direttiva 86/109/KEE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti A huma mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B.

Referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

ANNESS I

PARTI A

Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmi fl-Artikolu 2)

Direttiva tal-Kummissjoni Nru 75/502/KEE	(ĠU L 228, 29.8.1975, p. 26)
Direttiva tal-Kummissjoni Nru 86/109/KEE	(ĠU L 93, 8.4.1986, p. 21)
Direttiva tal-Kummissjoni Nru 89/424/KEE	(ĠU L 196, 12.7.1989, p. 50)
Direttiva tal-Kummissjoni Nru 91/376/KEE	(ĠU L 203, 26.7.1991, p. 108)

PARTI B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 2)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
75/502/KEE	fl-1 ta' Lulju 1976.
86/109/KEE	1 ta' Lulju 1987 (Artikolu 1) 1 ta' Lulju 1989 (Artikolu 2) 1 ta' Lulju 1990 (Artikolu 2a) 1 ta' Lulju 1991 (Artikoli 3 u 3a)
89/424/KEE	fl-1 ta' Lulju 1990.
91/376/KEE	fl-1 ta' Lulju 1991.

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Direttiva 75/502/KEE	Direttiva 86/109/KEE	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
	Artikolu 1(2)	Artikolu 1(2)
	Artikolu 2	Artikolu 1(1)
	Artikolu 2a	Artikolu 1(1)
	Artikolu 3	Artikolu 1(1)
	Artikolu 3a(1)	Artikolu 1(1)
	Artikolu 3a(2) sa (6)	—
Artikolu 2	Artikolu 4	—
—	—	Artikolu 2
—	—	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 5	Artikolu 4
—	—	Anness I
—	—	Anness II